MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 330/2005

**Elmo Insurance Ltd (C 3500) bhala surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Carmelo Camilleri u l-istess Carmelo Camilleri**

**Vs**

**Annette Bugeja**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta Jannar 2005 fejn
intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-atturi s-
somma ta mija u tnejn u tletin lira sitta u tmenin centezmu
(Lm132.86) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi f'incident
stradali li sehh fit-13 ta Gunju 2004 gewwa triq Latmija, M'Scala
bejn il-vettura numru KBE 102 misjuqa mill-konvenuta u vettura bin-

numru JON 560 misjuqa mill-attur u ghal liema ncident l-istess
konvenuta kienet unikament responsabbli.
Bl-ispejjes inkluzi dwak ta l-ittra ufficcjali datata 16 ta Novembru 2004 u ta ohra prezentata kontestwalment ma dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuta u bl-imghax legali dekorribbli mis-16 ta Novembru 2004 kontra l-konvenuta minn issa mharrka ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta datata 9 ta Frar 2005 fejn ikkontestat ir-responsabbilita tal-incident in kwistjoni u kwindi l-ispejjes ghandhom jithallsu mill-attur.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-kollizzjoni in kwistjoni sehhet gewwa Triq il-Latmija, M’scala. Iz-zewg vetturi kienu miexjin fl-istess direzzjoni cioe lejn M’Scala bil-vettura tal-attur fuq quddiem. F’hin minnhom il-konvenuta ddecidiet li taghmel manuvra ta sorpass u kien proprju f’dan il-mument ta sorpass li l-impatt bejn iz-zewg vetturi sehh.

Illi filwaqt li l-attur jikkontendi li l-konvenuta kellha tort peress illi kienet hi li fil-mument tas-sorpass gibdet ghal fuqu u dana sabiex tevita xi traffiku li kien qed javvicinha mid-direzzjoni opposta, l-konvenuta minn-naha l-ohra tallega li hija ma ghandhiex tort peress illi hija ghamlet manuvra ta sorpass f’parti wiesgha tat-trieq u f’mument meta kien jidher li l-attur kien qed isuq fuq in-naha ta gewwa tat-trieq u pero li fil-mument tas-sorpass l-istess attur gibede il-barra ghal fuqha u sehh l-impatt.

Filwaqt li l-verzjoni tal-konvenuta giet konfermata minn Lino Vella dik ta l-attur giet konfermata miz-zewg uliedu.

Illi ghalkemm it-Tribunal jinsab konfrontat b’dawn iz-zewg verzjonijiet opposti, huwa jinsab propens li jakkolji dik

sottomessa mill-attur bhala l-aktar wahda kredibbli in vista tas-segwenti fatturi u osservazzjonijiet:-

a. Ix-xhieda kollha qabblu li l-attur kien miexi bil-mod ferm u beda jevita l-hofor tant li l-konvenuta kkummentat xi haga fis-sens li l-vettura tal-attur kienet ghadha gdida u kien qed jiehu hsiebha sew;

b. Ghalkemm donnu kien hemm xi allegazzjoni da parti tal-konvenuta li l-vettura tal-attur kienet qed tinstaq minn ibnu u mhux mill-attur, tali allegazzjoni ma jidhirx li giet segwita fil-kawza peress li ma sar ebda kontro-ezami lil warden, lill-attur u lill-uliedu f'dan is-sens.

c. Illi ma hux kontradett li l-konvenuta kienet miexja wara l-attur u li l-manuvra ta sorpass ittentatha f'liwja. Illi ghalkemm ma hemm xejn x'izomm bniedem milli jaghmel tali manuvra f'liwja, l-fatt xorta jibqa pero li huwa l-obbligu ta min ikun qed jaghmel din il-manuvra li jassikura ruhu li din tist assir minnghajr ma tohloq periklu ghal vettura ta quddiemu u ghas-sistema tat-traffiku in generali. Il-fatt li tali manuvra qed issir f'liwja, dik il-persuna ghandha tkun ferm aktar attenta milli jekk tkun qed issir fid-dritta b'vizwali ghat-tul. Difatti fil-kaz in ezami jidher li fil-mument tas-sorpass il-konvenuta setghet facilment giet mfixkla minnhabba t-traffiku li kien gej mid-direzzjoni opposta kif allegat mill-attur;

d. Il-fatt li halliet 4.5 brake marks ma hux indikattiv li kienet gejja b'xi speed partikolari. Nahseb huwa aktar indikattv il-fatt li waqfet 13 il-metru boghod mill-punt tal-impatt. Dan huwa indikattiv ghat-tort tal-konvenuta fis-sens li turi li kienet hi li taghtu d-daqqa lill-attur fil-mumet tas-sorpass u baqghet sejra bl-istess momentum li kellha tas-sorpass sakemm waqfet u mhux li kienet hi li qalghet id-daqqa mill-attur hekk kif kienet qed taqbzu.

e. Il-fatt li l-attur waqaf hesrem hekk kif hass id-daqqa u spicca *in parallel* mal-hjat tal-gemb tieghu fl-istess direzzjoni li kien ghaddej u cioe mhux angolat il-barra filwaqt li l-konvenuta baqghet miexja tul id-distanza fuq indikata wara l-impatt.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-konvenuta kienet unikament responsabbli ghall-incident stradali meritu ta dina l-kawza u ghalhekk filwaqt li qed jirrespingi l-eccezzjoni sollevata minnha qieghed jilqa it-talbiet attrici u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma kif rikjesta ta mija u tnejn u tletin lira sitta u tmenin centezmu (Lm132.86) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mis-16 ta Novembru 2004 u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza a kariku tal-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------